MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 287/2014

Appell Nru: 287/2014

Il-Pulizja

Vs

Michael Verzin

Illum 29 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Michael Verzin, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 434171M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u kunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Ottubru, 2013 sa Novembru, 2013, meta hekk ordnat min xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas lil jaghti lil Bartholomea Cini u/jew lil uliedkom is-somma ffissata

minn xi Qorti jew stiputala bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-30 ta' Gunju, 2014, fejn wara li rat l-artikoli 338(z), tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni u spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Verzin, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, thassar is-sentenza appellata **u** minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi u minghajr pregudizzju fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi preliminarjament l-esponenti hassu aggravat billi s-sentenza moghitja, li kopja taghha qed tigi annessa ma' dan l-appell Dok A, hija nulla stante li s-sentenza ma ssemmix l-artikolu tal-ligi li tikkontempla r-reat li tieghu l-Qorti sabithu hati u dan ai termini inter alia tal-artikolu 382 tal-Kap 9.
2. Illi prelimianrjament ukoll l-esponent hassu aggravat billi s-sentenza moghtija hija nulla ukoll stante li s-sentenza hija nieqsa ukoll milli tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati u dan ai termini inter alia tal-artikolu 382 tal-Kap 9.
3. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponent hassu aggravat mis-sentenza moghtija billi dan ir-reat huwa llum preskritt ai termini tal-ligi.
4. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-esponenti hassu aggravat mis-sentenza moghtija billi dan ir-reat ma rrizultax minhabba li ma tresqitx l-ahjar prova. Il-prosekuzzjoni resqu kopja mhux legali tal-allegat l-kuntratt ta' separazzjoni.
5. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost, l-ewwel Qorti ma kelliex l-akbar rispett tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha billi ma giex ikkonfermat bil-gurament, mill-parte civile x-xhur li taghhom kien akkuzat l-esponent u l-ebda referenza ma saret ghal l-ammont li huwa allegatament baqa' ma thallasx fil-fatt tant hu hekk li l-Qorti ma setghetx tordna il-hlas billi l-ammont baqa' oskur.
6. Illi bla pregudizzju ghal dak espost fuq, dwar il-piena nflitta, l-esponent ihossu aggravat billi din il-piena inflitta hija eccessiva tenut kont in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni u sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f'dan il-kaz. Bl-akbar rispett ghandu jigi kkonsidrat l-kondotta

nadifa tal-esponent, il-finanzi prekarji tal-esponent, il-fatt li l-manteniment originali dejjem thallas sa mill-2003, il-fatt li l-parte civile dejjem hadmet bi paga tajba u ghalhekk mhix fil-bzonn;

Illi l-ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha naqset milli tqis serjament il-fatt li dan l-allegat incident huwa semmai ta' natura kontravenjonali u li skaturixxa ruhhu minn sitwazzjoni familjari li zgur mhux kriminuza fiha nnifisha.

Piena ta' detenzjoni fuq l-esponenti li ghandu kondotta netta u li qatt ma kellu kwistjonijiet mal-pulizija hija sproporzjonata u ser ikollha effett hazin fuqu li bhalissa qed ifittex xoghol.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni quddiem in-Nutar Nicholas Briffa tas-sitta (6) ta' Mejjut tal-elfejn u erbgha (2004) l-appellant issepara minn ma' martu Bartolomea. F'dan il-kuntratt gie miftiehem ir-regim finanzjarju fejn l-appellant kien obbligat jhallas is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin ewro (€225) fix-xahar versu l-manteniment ta' bintu Sarah ta' erbatax-il sena. Jidher illi l-appellant kien moruz f'dan il-hlas ghax-xhur ta' bejn Ottubru u Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) u l-parte civile Bartolomea Cini ghamlet rapport lill-pulizija illi ipprocedew kontra l-appellant u b'sentenza tat-tletin (30) ta' Gunju tal-elfejn u erbatax (2014) sabet lill-appellant hati u ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn eccepixxa divesi eccezzjonijiet teknici ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u di più illi l-piena inflitta hija eccessiva tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, mhux anqas il-kondizzjoni finanzjarja prekarja tieghu u li martu Bartolomea Cini dejjem hadmet b'paga tajba u mhiex fil-bzonn.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti mhiex sejra toqghod tidhol fil-kwistjoni teknici mqajjma mill-appellant fir-rikors tieghu peress illi dawn gew sorvolati permezz tal-verbal tat-tmienja (8) ta' Jannar tal-elfejn u hmistax (2015) illi dwaru se ssir riferenza aktar 'il quddiem f'dan il-gudikat. Bizzejjed jinghad illi l-appellant ma jistax iwaqqaf unilateralment il-hlas tal-manteniment peress illi jkun f'pozizzjoni finanzjarja dghajfa jew inkella ghax il-

mara taqla' iktar minnu. Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt u taghmel riferenza ghall-kawza Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998 fejn intqal, "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuazhiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lill-Qorti Civili komptenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18/9/2002, u Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15/10/2009).

Din il-Qorti zzid illi l-introjtu tal-mara f'dawn ic-cirkostanzi, wara li jkun digà gie moghti digriet jew iffirmat kuntratt, huwa ghal kollox irrilevanti. Jista' jkollu rilevanza biss meta l-kaz jigi diskuss quddiem il-Qorti Civili, Sede Familja, biex dik il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tiddeciedi ahjar il-manteniment illi ghandu jkun imhallas minn parti jew ohra. F'dan il-kaz ir-regim finanzjarju bejn il-partijiet huwa regolat b'att pubbliku u l-appellant ma setax unilateralment iwarrab id-dispozizzjonijiet tal-kuntratt ghax hekk jidhirlu opportun illi jaghmel.

Però permezz tal-verbal tat-8 ta' Jannar 2015 il-parti civili iddikjarat permezz tal-avukat taghha illi hija irceviet il-hlas tal-ammonti indikati fic-citazzjoni u ghal dak li jirrigwarda dan il-kaz m'ghandhiex aktar pretensjonijiet kontra l-appellant.

Il-Qorti mhiex aversa ghal din is-sitwazzjoni u bhalma jigri f'dawn ic-cirkostanzi meta d-debitur ikun rizarcit ghall-ammonti li ghandu jiehu l-Qorti jidhrilha illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena. Dana qalitu wkoll il-kawza Il-Pulizija versus Publius Said (25 ta' Settembru 2003) fejn intqal "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fil-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...". U dan huwa proprju dak illi ser taghmel din il-Qorti. Tirrileva però illi wara li l-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant tara illi dan huwa "habitual offender" ghal dak li jirrigwarda l-hlas ta' manteniment u ta' sikwit il-parti civili tkun kostretta

taghmel rapporti lill-pulizija sabiex tipprocedi bil-Qorti u tiehu taghha dak li huwa dritt. Dan mhux sew u m'ghandux ikun. Il-parti civili m'ghandhiex tigi imgieghla tiehu l-briga tmur l-ghassa u l-iskomdu u l-inkonvenjent illi titla' l-Qorti biex imbaghad wara tlett snin tithallas ta' dak illi kellha dritt tiehu mill-bidu nett minhabba agir irresponsabbli u luzinguz tal-appellant. Ghalhekk din il-Qorti twissi lill-appellant illi din hija l-ahhar darba illi se tkun disponibbli favur tieghu u jekk jerga' jkun moruz fil-hlas tal-manteniment u l-parte civile tkun kostretta tirrikorri lill-Qorti, jekk jigi kundannat terminu ta' prigunerija din il-Qorti taghmilha cara illi dak it-terminu jkun konfermat, jekk ikun il-kaz, u l-appellant mhux se jgawdi minn aktar temperamenti fuq il-piena imposti mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell in parti, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok piena ta' ditenzjoni, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------